Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 795/1993/2

**George Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Bonfam (Insurance Services) Limited u dina bhala agent gewwa Malta tad-ditta estera Gresham Fire & Accident Insurance Society Limited li taghha ghandha r-rappresentanza kif surrogata fid-drittijeit ta` l-assikurat taghha Dr Richard Soler M.D.**

**vs**

**Saviour Cutajar, Peter Paul Cutajar u Joseph Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi fit-3 t`Ottubru 1991 il-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta` kostruzzjoni go fond Villa Tivoli, The Strand, Sliema;

Illi waqt illi kien qieghed jigi esegwit dana x-xoghol, il-konvenuti waqqghu il-garage tal-fond adjacenti Villa Louise, The Strand, Sliema u bhala risutlat il-karozza tip Citroen numru ta` registrazzjoni L-0770 proprjeta` ta` Dr Richard Soler gie danneggiata u spiccat "total loss";

Illi dana l-incident gie ikkagonat imhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta` hila da parte tal-konvenuti fl-esekuzzjoni tax-xoghol minnom intrapriz;

Illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat tal-attur l-imsemmi Dr Richard Soler;

Illi s-socjeta` attrici, kif kienet obbligata illi taghmel hallset lill-assikurat taghha, Dr Richard Soler is-somma ta` Lm10975 bhala kumpens ghad-danni kollha minnhu sofferti bhala risultat ta` l-incident in kwistjoni u b`hekk giet issurrogata fid-drittijiet kollha ta` l-assikurat taghha;

Illi il-konvenuti gew inutilment interpellata jhallsu d-danni in kwistjoni;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti, gahr-ragunijiet premessi m`ghandhiex:

(1) tiddeciedi u tiddikjara illi huma unikament responsabbli ghad-danni kollha kagjonati fil-karozza Citroen numru L-0770 proprjeta` tal-assikurat tas-socjeta attrici Dr Richard Soler; u

(2) konsegwentement jigu solidament ikkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta` Lm10975 flimkien ma` l-imghax legali minn 27 t`Ottubru, 1991;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

Fl-ewwel lok illi "lis alibi pendens" billi l-pretenzjoni ta` l-atturi tinsab gie dedotta fil-kawza fl-ismijiet Carmela Scerri et vs Tabib Edgar Augustine Agius et, Citazzjoni Nru 1261/92AM pendenti quddiem dina l-Qorti u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi l-esponenti ma huma bl-ebda mod responsabbli ghad-danni imma se mai hija responsabbli s-socjeta` li kienet qed taghmel ix-xoghol fil-fond in kwistjoni u cioe s-socjeta` Tivoli Limited u huma ghandhom jigu liberati ukoll minhabba f`hekk mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fl-ahhar nett l-esponenti ma huma bl-ebda mod responsabbli ghad-danni kkagunati billi dan ma garax tort taghhom imma tort unikament tal-fatt li l-hajt in kwistjoni ma kienx mibni skond l-arti u s-sengha;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-konvenuti tal-24 ta Jannar 1997 (fol.77) li biha l-istess konvenuti rrinunzjaw ghall-eccezzjoni tal-"lis alibi pendens";

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat il-verbaltas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2002;

Ikkonsidrat:

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet rinunzjata bl-imsemmija nota taghhom tal-24 ta Jannar 1997. Ghalhekk jifdal li jigi deciz il-mertu;

Jirrizulta li fit-3 ta' Ottubru 1991 waqt il-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta` demolizzjoni u kostruzzjoni fil-Villa Tivoli f’The Strand, Sliema, sfronda l-garage tal-fond attigwu u cioe tal-Villa Louise, The Strand, Sliema. Bhala konsegwenza giet danneggjata l-vettura li kienet f'dan il-garage u cioe l-vettura tat-tip Citroen numru ta` registrazzjoni L-0770, proprjeta ta’ Dr Richard Soler, li kien assikurat mas-socjeta attrici. L-imsemmija vettura bhala konsegwenza ta’ dan l-incident kienet “total loss”;

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-imsemmi incident minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila da parti taghhom fl-esekuzzjoni tax-xoghol li kienu qed jghamlu. Ghalhekk skond is-socjeta attrici assikuratrici l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat taghha fl-imsemmija vettura. Is-socjeta attrici, dejjem bhala socjeta assikuratrici, hallset lill-assikurat taghha s-somma ta' ghaxart elef disa mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm10,975) bhala kumpens. B'hekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha;

Il-konvenuti jaccettaw il-fatt li waqt li kienu qed jghamlu l-imsemmi xoghol waqa l-bini tal-garage fejn kien hemm l-imsemmija vettura tal-assikurat tas-socjeta attrici. Huma pero' jsostnu li dan ma garax tort taghhom. Huma jsostnu li dak li gara kien dovut ghal fatt li wiehed mill-hitan li kien qed isostni parti mis-saqaf tal-garage in kwestjoni ma kienx mibni skond is-sengha u l-arti. Huma jsostnu ukoll li

l-assikurat tas-socjeta attrici kien jaf li kien qed issir ix-xoghol in kwestjoni u ghalhekk kien negligenti meta ma svojtax il-garage u ghalhekk l-assikurat tas-socjeta attrici espona ruhhu ghar-riskju mhux necessarju;

Jirrizulta li bejn il-gonna taz-zewg proprjetajiet fuq imsemmija kien hemm hajt divizorju tas-sejjieh. Fil-gnien tal-proprjeta tal-assikurat tas-socjeta kien gie mibni garage. L-imsemmi hajt tas-sejjieh in parti kien il-hajt ta' dan il-garage u f'din il-parti tal-garage s-saqaf kien travi u xoroq. Kienet saret estenzjoni tal-garage u ghalhekk kien inbena hajt gdid ftit maqtugh mil-hajt tas-sejjieh u s-saqaf tal-konkos ta' din l-estensjoni kien tqabbad u gie mserrah biss fuq dan il-hajt il-gdid;

Il-konvenuti taw il-versjoni taghhom kif gara l-incident in kwestjoni. Skond il-konvenuti kien sar ftehim mal-assikurat tas-socjeta attrici kif kellu isir ix-xoghol ta' demolizzjoni tal-imsemmi hajt tas-sejjieh. Dejjem skond il-konvenuti dan il-ftehim sar fil-presenza tal-periti taz-zewg partijiet;

Bhala konsegwenza ta' dan il-ftehim, qabel ma beda x-xoghol ta' demolizzjoni tal-hajt tas-sejjieh u peress li dan l-istess hajt in parti kien il-hajt laterali tal-garage, il-konvenuti bnew hajt iehor gol-garage f'dik il-parti biss fejn il-hajt tas-sejjieh kien il-hajt tal-garage, sabiex isostnu s-saqaf f'dik il-parti tal-garage, liema saqaf kif gia ntqal kien travi u xorok;

Il-konvenuti qalu li kienu gia hattew it-tul kollu tal-imsemmi hajt tas-sejjieh divizorju  sa qiesu zewg filati mill-bazi tieghu, meta sfronda s-saqaf tal-garage;

In effett jirrizulta li l-hajt li inbena sabiex issir l-estensjoni tal-garage ma kienx mibni fis-sodd u ma kienx mibni fuq il-blat. Jirrizulta li dan il-hajt kien mibni fuq sodda jew travu tal-konkos bil-vireg, liema sodda tal-konkos pero' kienet imqieghda fuq il-hamrija. Jidher li l-garage sfronda wara li nhatt in parti il-hajt tas-sejjieh u ghalhekk il-hamrija ccaqalqet u b'hekk iccaqlaq il-hajt li kien qed izomm is-

saqaf li bhala konsegwenza sfronda. Ghalhekk l-incident sehh minhabba li ceda l-hajt li kien qed izomm is-saqaf tal-konkos, li b'hekk sfronda u gibed is-saqaf kollu anke dik il-parti li kienet travi u xorok. Jidher ukoll li l-hajt inbezaq ukoll minhabba li kien hemm dislivell bejn iz-zewg proprjetajiet;

Fid-dawl ta' dan kollu ma jirrizultax sufficjentement li l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti rersponsabbli ghal-incident in kwestjoni. Jirrizulta li l-hajt tal-estensjoni tal-garage ma kienx mibni skond is-sengha u ma kienx imqieghed fis-sodd, izda kien mibni fuq travu tal-konkos li tahtu kien hemm biss hamrija. Kien in effett dan il-hajt li ceda u b'hekk sfronda is-saqaf tal-garage;

Il-konvenuti jsostnu li l-assikurat tas-socjeta attrici kien assikurhom li l-hajt kien mibni fis-sod cioe' fuq il-blat u in vista ta' din l-assikurazzjoni ma kienx hemm ghalfejn li jinbena hajt gdid ukoll f'dik il-parti tal-estensjoni tal-garage. Huwa minnu li f'dan ir-rigward hemm biss il-kelma tal-konvenuti, pero jidher li dan il-fatt kien ukoll gie stabbilit fil-kors tal-inkjesta li nzammet "a tempo vergine" mill-Magistrat Inkwerenti. Il-konvenuti kkonfermaw li huma ghadu fuq il-kelma tal-assikurat tas-socjeta attrici li l-hajt kien mibni fuq il-blat u ghalhekk ma ghamlu ebda verifiki f'dan ir-rigward.  Jidher li l-periti tal-partijiet lanqas ma ordnaw li jsiru dawn il-verifiki. Ma jirrizultax li l-konvenuti setghu jindunaw kif kien mibni l-hajt tal-estensjoni. Jidher ukoll li l-konvenuti ghadu fuq l-istruzzjonijiet li tawhom iz-zewg periti;

In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li l-konvenuti ma uzawx il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' bniedem prudenti. Ghalhekk l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti ghandhom jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet kollha tas-socjeta attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti u b'hekk fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------